KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, ĦAL LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

IS-SEBGĦA KUNSILL

SEDUTA NRU 41 – Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015 fil-16.30hrs

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr. Marc Sant | MinorityLeader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-4.45p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi korrezzjonijiet tal-minuti nr 40.

1.2 Peress li ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet, fuq proposta tal-Minority Leader Dr. Marc Sant sekondat mis-Sur MassimoScerri minuti nr.40 tat-12 ta' Novembru 2015 ġew approvati unanimament.

## 2. ARISING

2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq nr 3.10 tal-Minuti. Hija qalet li jekk ser nibqgħu niċċarġjaw lir-residenti tal-flyers meta ssir xi attivita', mhux ser ikollna konkorenza peress li qed jiġi għoli bħal ma ġara fl-attivita' taċ-Ċinema fejn kellha tiġi ikkanċellata.

2.2 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsilliera li l-flyer u l-prezz ta' l-attivita' kienet iċċirkolata lill-Kunsilliera. Qalet ukoll li għal din id-darba biss kellu jinqasam il-prezz tal-flyers peress li f'dan il-flyer kien hemm ukoll l-avviż lir-residenti biex jattendu l-laqgħa dwar it-traffiku. Is-Segretarju nfurmat li l-ispejjes tal-flyer inqasam fuq iż-żewġ attivitajiet tal-Father Christmas u taċ-Ċinema u din l-informazzjoni tqassmet lill-Kunsilliera kollha.
Is-Sindku kkonfermat li ghalissa ma kellniex għażla, imma l-quddiem il-Kunsill ikun jista' jisussidja.

## 3. VIP LIST

3.1 Residenti qed jitolbu biex quddiem id-dar tagħhom nru.6 fi Triq Merino isir ħadida quddiem il-bieb tad-dar għax minħabba l-*parking* tal-faċċata l-karozzi qed jiġbdu lejn in-naħa tal-bankina tagħhom u jispiċċaw jitilgħu fuq il-bankina. Infatti diġa kisru il-kurduna tal-bankina.
Il-Kunsill qabel li din issir imma trid titniżżel fil-*waiting list* tax-xogħolijiet li għandna.

3.2 Il-Kunsill irċieva diversi lmenti u suġġerimenti rigward Triq Annibale Preca n-naħa tal-Kappella tal-Mirakli minħabba li issa qiegħeda tgħaddi tal-linja, l-problema żdiedet għaliex il-karozzi qiegħdin ikunu ipparkjati ż-żewġ naħat ta' triq għalhekk in-nies issuġerew li n-naħa ta' fejn hemm l-għelieqi ma jipparkjawx karozzi allura jsiru double yellow lines. Din il-problema ukoll qiegħeda fl-ewwel parti ta' triq Santa Katerina Ħ'Attard. Din qiegħda tafettwa ukoll lir-residenti ta' Ħal Lija. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal double yellow lines faċċata tas-sala tal-Kappillan Tal-Mirakli ma' naħa ta' l-għelieqi fejn hemm il-ħajt tas-sejjieħ.
Minn dan l-ilment, il-Kunsill tkellem fuq il-ħinijiet tal-karozza tal-linja fejn qalu li l-ħinijiet m'humiex jinżammu. Trid tintbagħat reminder biex issir il-Bus Stop ma' l-art għax baqa jsir *parking* fuq l-istage. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet quddiem il-Kunsill biex issir *request* ukoll għal *roaming timing* fuq il-bus stop.
Il-Minority Leader Dr. Marc Sant ressaq ilment ukoll li f'din l-area hemm bżonn urġenti ta' *patching*.

3.3 Resident qed jagħmel request biex jitnaddaf Triq Salvu Mifsud mill-ħaxix biex il-culvert li hemm ħdejn il-garaxx tiegħu li hija mnaddfa imma minħabba l-ħaxix, kull meta tagħmel ix-xita din tiġi mblokkata. Huwa qed jitlob li jinqata l-ħaxix tul l-għalqa kollha, jitella l-ħajt mis-sid ta' l-għalqa li nafu ta' min hi l-għalqa, u jingħata ftit konkos jew tarmac fit-triq. (Joe Sammit 99824123). Il-Kunsill approva li jinqata l-ħaxix mill-ħaddiema tal-Kunsill u nitkellmu mas-sid ta' l-għalqa biex jitella l-ħajt.

3.4 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li Profs. Ganado qed jitlob *feedback* wara li huma ġabu l-proposed map fl-uffiċċju ta' Ħal Lija. Hija għada ma wieġbitux peress li l-feedback għad m'hemmx. Is-Sindku kompliet tgħid li din l-mappa ħaditha ukoll Profs.Maria Attard biex tqabilha mal-*proposed plans* tagħhom imma xorta waħda għad m'għandix feedback. Saret diskussjoni fuq dan għal fatt li jekk il-Kunsill jirilaxxa l-art huwa ser jasal biex jibni mitt appartament u mhux żewġ villel biss bħal ma ġiet preżentata l-pjanta lill-Kunsill. Il-Kunsill bħalissa ma jistax jikkommetti ruħu fuq xejn.

3.5 Is-Sur Massimo Scerri staqsa jekk hux ser ikun hemm rotta alternattiva meta tinbidel ir-rotta ta' Triq Annibale Preca u ssir 'One Way' il-fuq. Is-Sindku wieġbet li mhux ser ikun hemm *alternative route* u mhux ser ikun hemm aċċess l-isfel. It-traffiku ta' Ħal Lija biss ser ikun jista' jgħaddi minn taċ-Ċnus. Minn Triq Kananea, t-traffiku ma jistax jinżel l-isfel allura traffiku ġo Ħal Lija ma jistax jidħol.

3.6 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar semmiet ukoll li waqt il-laqgħa tar-residenti mal-Prof. Maria Attard issemmiet li jitneħħa l-*parking* mill-Pjazza u tiġi *pedestrian* u l-parking isir *within* 300 metres għal kullimkien. Fuq dan il-Kunsill għad irid jara x'inhu l-aħjar għar-residenti ta' Ħal Lija.

3.7 HSBC Manager Balzan qal li fuq *policies* ġodda tal-bank ma jkunx jista' jissarraf cheque tal-petty cash *payable* lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija jekk ma jmorrux iż-żewġ firmatarji biex issarrfuh. Il-Kunsill iddeċieda kif kien diġa ġie suġġerit li l-cheque tal-Petty Cash isir darbtejn f'sena biex kemm is-Sindku u kemm is-Segretarju ikunu jistgħu imorru flimkien il-bank biex issarrfuh.

3.8 E-mail mingħand resident biex jikomplejna li għalkemm ġew approvati id-double yellow lines fil-kantuniera fi Triq il-Forn, dawn baqgħu ma sarux. Il-Kunsill qabel li għanda tintbagħat ittra lir-residenti ta' l-isqaq u d-djar fuq barra u anke tal-garaxxijiet biex jekk isir *parking* mhux sewwa, iħallu n-numru tal-mobile fuq il-windscreen. Jekk ma tinstabx koperazzjoni mir-residenti, l-Kunsill ma jkollux alternattiva imma jkollu inaqqas *parking space*. Din għandha tkun bi prova għal sitt xhur u b'hekk jinħoloq kompromess.

3.9 E-Mail mingħand l-*Electoral Office* fuq isem tat-triq li jidher Sqaq ta' Sejduna fuq il-*Mapserver* imma *Street placard* qed jidher 'Ta Seguna Limiti ta' Sqaq ta' Sejduna qatt ma kien *published* fil-Gazzetta tal-

Gvern. Il-Kunsill irid jindika isem tat-triq. Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi ikkonfermat li l-isem irid jiġi ta'Sejduna' u mhux ta' Seguna.

3.10 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ressqet quddiem il-Kunsill *sample* ta' kif jistgħu isiru 'No Parking' signs aħjar milli qed nagħmluhom issa. Hija għandha tibgħat soft copy ta' dawn is-signs lill-Kunsilliera.

3.11 Resident u t-tifla tiegħu reġgħu qed iressqu lment li ilhom iressqu snin minħabba li waqt il-ħinijiet ta' l-iskola fi Triq Mario Agius, il-ġenituri qed jibqgħu ipparkjati quddiem il-garaxxijiet u idumu. Qed jitolbu iktar *enforcement*. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ssuġerit li forsi għandna nġibu Warden imqarr għal darba meta terġa tibda l-iskola f'Jannar bħala *enforcement*. Nipprovaw li dan il-warden ikun il-Warden tar-Ronda għax jekk le ikollu iħallas il-Kunsill.

3.12 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia fuq dan l-ilment ta' hawn fuq qalet li għalkemm kien hemm *request* għal Warden fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela, hija qalet li hija titkaxkar mal-karozzi biex tgħaddi minn hemm. Hemmhekk hemm diġa *yellow lines* imma mhux qed jiġu osservati. Il-ħaddiema tal-Kunsill iridu jaraw li dawn il-lines jiġu *refreshed* kollha għaliex minħabba l-karozzi pparkjati. Is-Segretarju qalet li r-*request* għal warden hemmhekk diġa sar imma għadna bla risposta. Għandha terġa tintbagħat reminder lill-LESA.

3.13 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant reġgħa ressaq l-ilment li xorta għada qiegħeda tipparkja residenta mal-ħajt ta' Ganado fi Triq Il-Kunċizzjoni minkejja li din ir-residenta kellimnieha biex ma' tkomplix tipparkja hemm. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw biex isiru *double yellow lines* fi Triq il-Kunċizzjoni ħdejn il-barriera in-naħa tal-Profs Ganado. Din ir-request għandha tintbagħat lit-TM.

3.14 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li fil-laqgħa tas-Sindki li ghaddiet intqal li ser isiru *survellaine cameras*. Hija qed tissuġerixxi li għandna nitolbu camera għal pjazza u anke ħdejn il-bars ta' Triq il-Forn. Is-Sindku ikkonfermat li dawn il-cameras ser jitwaħħlu f'postijiet fejn l-iktar ikun hemm bzonn.

3.15 Is-Sinjorina Cutajar qalet ukoll li għandna nibagħtu ittra lil tal-bar il-ġdid fi Triq il-Forn biex ngħidulu meta u kif jinġabar iż-żibel.

3.16 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq il-ħajt ta' ħdejn l-iskola li kien qiegħed f'periklu li jaqa'. Is-Segretarju qalet li hija kient kellmet lill-headmistress u l-ħajt ġie irranġat.

3.17 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq il-katusi tan-naħa ta' l-iskola li kienu miżdudin. Is-Segretarju kkonfermat li ma kienx hemm ilmenti u li dawn infetħu mill-ħaddiema tal-Kunsill.

3.18 Ilment mingħand tal-Percius garage rigward Triq Giuseppe Cali' fuq motorcycle bay li sar f'din it-triq li ġie approvat mit-TM darbtejn. Huwa qed jgħid li l-mod kif sar dan il-motorcycle bay il-karozzi jistgħu jolqtu dan il-mutur. Huwa qed jisuġerixxi li dan il-bay isir bejn il-grada

u l-ewwel parking bay. Il-Kunsill qabel dwar dan. Għanda ssir *on site inspection* u tittieħed azzjoni.

3.19 E-mail mingħand residenta li toqgħod fi Triq Annibale Preca li minn rajha għamlet 2 *plastic covers* fi triq quddiem il-bieb tagħha u issa qiegħed titlob lill-Kunsill biex iħallas tagħhom. Dawn jiswew €8.93. Il-Kunsill ma qabilx il-mod kif saru dawn il-*plastic covers*. L-ewwel kellu jiġi konsultat il-Kunsill u mhux dak li jkun jaqbad u jieħu azzjoni minn rajh. Barra minn hekk, din hija xi ħaġa privata għalhekk il-Kunsill ma jaqbilx li għandna nħallsu lir-residenta għal dawn iż-żewġ covers. Għanda tiġi konsultata r-residenta dwar dan.

3.20 Is-Sindku tkellmet rigward it-*Temporary Social Services Offices*. Hija spjegat li wara li l-Kunsill bagħat ittra lis-Social Services biex jistaqsi jekk dawn jixtiequx jiftħu uffiċċju ġo Ħal Lija wara li ngħalqet il-fergħa ġo Ħal Balzan u li dan l-uffiċċju ikun parti mill-binja l-ġdida tal-Kunsill, is-Social Services jixtiequ li jiftħu uffiċċju temporanju fl-uffiċċju tal-Kunsill eżistenti bħalissa. Il-Kunsill qabel li dwar dan irridu naraw kif din tista' taħdem peress li l-uffiċċju tal-Kunsill huwa bla status u huwa mikri mingħand l-University Residence u li dan huwa mikri mingħand il-Blokrete. Għanda ssir riċerka u għandu jintalab parir mingħand l-Avukat urġenti.

3.21 Is-Superjur tal-Museum ta' Subien xtaq jagħmel request lill-Kunsill Lokali rigward l-ispejjes għal Gwardjan Lokali għal Purċissjoni tal-Bambin ta' lejliet il-Milied biex iħallashom il-Kunsill. L-ispejjes huma ta' €35.40. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.22 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni mingħand Fabian Mallia ta' €861.07 rigward tiswija ta' fanali fi Vjal it-Trasfigurazzjoni li tinkludi *trench* u *reinstatement* fuq il-bankina. Peress li l-Kunsill ma għandux kuntratt ma' Fabian Mallia ġie deċiż li jinġiebu iktar kwotazzjonijiet u għandna nitolbu spjegazzjoni iktar dettaljata fuq il-kwotazzjoni ta' Fabian Mallia. Il-Kunsill jista' iġib il-materjal u kuntrattur jagħmel ix-xogħol.

3.23 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant reġgħa staqsa fuq it-tenders ta' l-ELC u tad-dawl. Ġie deċiż li għandha tinħareġ it-tender tad-dawl.

3.24 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li ġiet ikkuntatjat mis-sur Bartolo tal-Weebee, tal-Website tal-Kunsill peress li din għada mhiex konkluża. Is-Sur Bartolo għandu jiġi mistieden fil-laqgħa tal-Kunsill biex jagħtina update u jgħidilna xi hemm bżonn isir. Huwa kien talab xi ritratti ta' Ħal Lija imma r-ritratti li bagħtna ma kienux *high definition* pero għad hemm xi affarijiet oħra li għad hemm bżonn.

3.25 Request għal sleeping policeman fi Triq il-Kbira quddiem ir-residenza partikolari. Din ir-request kienet diġa ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill imma kien ġie deċiż li din il-problema tiġi diskussa meta jkollna il-laqgħa tar-residenti mal-Prof. Maria Attard. Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u għandu jiġi konsultat il-Perit.

3.26 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li dakinhar filgħodu hija flimkien mas-Segretarju iltaqgħu mal-Perit tat-TM flimkien ma' residenta minn Triq il-Kbira minnħabba *flooding* fi Triq il-Kbira fl-assenza tal-Perit John Rizzo Naudi, li kien il-Perit tal-Kunsill. Il-laqgħa kienet 'on site' fi Triq il-Kbira l-problema hija minħabba l-livelli tat-toroq. Għanda ssir laqgħa oħra mal-Perit u jerġa jissejjaħ il-Perit tat-TM fuq il-post. Għalhekk din it-talba għad trid tiġi investigata minħabba li anke hemm il-garage ta' l-armar u tal-Percius Confectionery ħdejn din ir-residenza.

3.27 Is-Segretarju għaddiet lista tan-nies li applikaw għal kompetizzjoni Presepju tat-twieqi 2015. Il-Kunsill irid jiddeċiedi d-data li fiha Mr. Belia ġej biex jara l-presepji u jgħid ir-rebbieħ biex navżaw il-ġurnata lill-kompetituri. Irid jiġi ikkuntatjat Mr. Bellia biex tiġi deċiża il-ġurnata. Is-Sindku għandha tibgħatlu e-mail.

3.28 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill e-mail mingħand id-Dipartiment biex il-Kunsill jiddeċidi żewġ postijiet oħra fejn jista jiġi nstallat l-WIFI għal benifiċju tar-residenti bħal per eżempju xi ġonna, pjazzez etc... Il-Kunsill unanimament qabel li dawn iż-żewġ postijiet għandhom ikunu fil-ġnien tal-Mirkali u l-ġnien Ċentru Rekreattiv.

3.29 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Statement of *Profit and Loss from January to October* 2015. Is-Sindku spjegat li l-ġurnata ta' qabel kienet saret laqgħa ma' l-Accountant fejn ġie spjegat is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill sa' Ottubru 2015. Is-Sindku qalet li l-Accountant infurmat li mill-*expenses* li kellna u mir-*Revenue* li daħalna, l-Kunsill mhux qiegħed daqshekk ħażin u meta tnaqqas id-*Depreciation*, il-Kunsill jiġi breakeven. Pero jidher li l-ammont ta' *deficit* naqas b'mod sostanzjali. Il-parir ta' l-Accountant huwa li għal l-ewwel tlett xhur tas-sena d-dieħla nkomplu noqgħodu attendi kemm jintnefqu l-flus bħal ma bqajna għal dan l-aħħar sena biex ikollna xahar biss lura bħala pagamenti. S-Segretarju nfurmat li għandna nkomplu naħdmu kif ħdimna din l-aħħar sena għalissa sakemm il-Kunsill jerġa' jiġi fuq saqajh kompletament.

3.30 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill e-mail fuq Strina 2015 – fejn ġie mitlub li xi ħadd mill-Kunsill b'mod volontarju imur jirrispondi t-telefonati nhar is-Sibt 26 ta' Diċembru bejn 7:45p.m. u 8:45p.m. Il-Kunsilliera għandhom jikkonfermaw min ikun jista jmur.

3.31 Is-Segretarju tkellmet fuq l-attivita' ta' *Father Christmas* li ser isir nhar it-Tnejn 21 ta' Diċembru u l-Viċi s-Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar ikonfermat li huwa kollox sewwa biex hija isuq il-van tal-Kunsill li ser ikun mogħbbi bir-rigali.

3.32 Is-Segretarju ressqet ittra mingħand il-Head Master ta' l-iskola Giovanni Curmi, Higher Secondary School fejn qed jitlob lill-Kunsill biex jgħin lil student Andrei Farrugia fil-proġett tas-Systems tal-Kunsill. Dan l-

istudent jixtieq jagħmel xogħol volontarju relatat mal-*Module of Responsible* and *Active Citizenship*. Il-Kunsill approva din ir-rikjesta.

3.33 Is-Segretarju staqsiet lill-Kunsilliera għal l-approvazzjoni tagħhom il-leave ta' ftit ġranet tal-ħaddiema tal-Kunsill biex jiġi mġedded għas-sena id-dieħla. Il-Kunsill approva din ir-rikjesta.

3.34 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant talab li l-kunsilliera jibdew jircievu forma ta' worksheet tal-haddiema klerikali. Dan ghaliex worksheet diga suppost tinzamm ghall-haddiema manwali. Hu ma talabx li din ikun fiha hafna dettall, izda li tkunu tafu b'certu xoghol li jkun sar u anki jkollhom forma ta' rendikot ta' dak li jkun ghaddej. Is-Segretarju nfurmat li l-ħaddiema dejjem jirreġistraw dak kollu li jagħmlu matul il-ġurnata u din ilha ssir snin. Is-Segretarju nfurmat ukoll li l-biċċa l-kbira ta' e-mails dejjem tagħmilhom *fowarded* lill-Kunsilliera u anke bir-risposti tagħhom. Anke tibgħat e-mails għal l-approvazzjoni tal-Kunsilliera u ħafna drabi ma tirċeviex risposta mingħand kulħadd. Is-Segretarju qalet ukoll li hija tibgħat feedback ta' kull ħaġa li tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill. Kif jaf kulħadd wara l-minuti, s-Segretarju tibgħat ukoll feedback ta' kull *paragraph* li jingħat fil-minuti.

## 4. CITRUS FESTIVAL

4.1 Is-Sindku, Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-Festival taċ-Ċitru 2016. Hija qalet li ppruvat kemm il-darba iċempel biex tara jekk ġietx approvata l-applikazzjoni ta' l-iskemi u jekk hux ser nieħdu xi flus. Il-Kunsill ma jistax jordna tined u xi affarijiet oħra jekk ma ningħatawx fondi biżżejjed. Is-Sindku nfurmat li ser ikun hemm pitturi fil-Mitħna. Ser ikunu għoxrin artist u irridu niċċarġjawhom. Ser ikun hemm anke show tal-Classic Sports Cars jekk it-temp jippermetti u dan is-show ser jagħtulna b'xejn. Is-Sindku qalet ser terġa tikkonferma fuq dan. Dawn ser jiġu postjati fi Triq San Liċinju mid-9.00a.m. sas 1.00p.m. Ser jiġu kkuntatjati l-istalls bħal Bonaci li ser tagħmel il-ħelu u l-Maypole li ser jieħu ħsieb l-ikel. L-istalls għandhom jiġu iċċarġjati €25.00 fuq *first come first served basis* u l-pagamenti għandhom isiru mill-quddiem. Għanda ssir pjanta biex jiddeċiedu fejn jixtiequ li jarmaw l-istall tagħhom.

4.2 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-ħaxix mill-ġnien tal-Mirakli beda jinqata u f'Jannar il-ħaddiema tal-Kunsill ser jibdew bix-xogħolijiet taż-żebgħa hemmhekk.

4.3 Peress li l-Kunsill għadu ma irċieva xejn jekk hux ser nieħdu xi flus jew le ma stajniex noħorġu posters peress li dawn iridu isiru bil-logos tat-Turiżmu, pero s-Sindku qalet li kitbet artiklu sħiħ lil-Malta Cultural anke għandha intervista fuq ir-Radio fis-6 ta' Jannar 2016. Hija ukoll qalet li tkellmet biex jinkiteb artiku buq 'Il-bizzilla' ir-rivista ta' fuq il-linja ta' l-ajru Air Malta ta' Jannar 2016.

4.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġerit li jsiru żewġ cocktail bars. Wieħed ħdejn il-Mitħna u l-ieħor ħdejn il-Bandli Tal-Mirakli kulħadd qabel li dawn għandhom jiġu mikrijin mingħand l-ITS. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ser tieħu ħsieb dan flimkien ma' ħames *cocktail tables*. Tkellimna ukoll fuq *mushroom heater*. Irridu naraw kemm ser jiġu jiswew dawn qabel ma nikkommetu ruħna. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia issuġerit ukoll li għandna inġiebu lil tal-qubbajt u ser tiċċekkja fuqha.

4.5 Is-Sindku qalet li peress hija 'folklore' iridu bilfors inġiebu affarijiet li huma relatati bħal accordian group u folk group bil-guitar u mandolina.

4.6 Għandha tiġi kkuntajata l-ambaxxatriċi taż-żgħażagħ biex iġib żewġ ħbieb tagħha u b'mod volontatarju jagħmlu *face painting* għal xi sagħtejn.

4.7 Is-Sindku issuġerit li għandna nibdew din il-ġurnata bil-quddiesa.

## 5. KORRISPONDENZA

5.1 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa fuq ir-*request* li għamlufuq il-kawza ta' l-Antenna li din titwahhal fuq il-bejt ta' post iehor, s-Sindku qalet li ma tistax tmur il-Qorti u tgħidilhom biex il-kawża li hemm għaddejja iħalluha għax hemm xi hadd iehor interessat li din titwahhal fuq il-bejt tieghu. Għandu jiġi ikkuntatjat Dr.Kris Balzan biex jagħtina iktar feedback fuqha biex tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

5.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq id-dawl tal-Milied li l-Kunsill iddeċieda li jarma mill-Kumitat ta' l-Armar. Is-Segretarju nfurmat li suppost dan id-dawl qed jixgħel. Għandu jiġi iċċekkjat dan.

5.3 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant tkellem fuq it-*Tower Crane* li ser jiġi armat fil-Vjal it-Trasfigurazzjoni. Is-Segretarju nfurmat li l-GAP bagħtu scanned copy tal-garanzija imma ser jibgħatu l-oriġinali. Hija kompliet tgħid li l-aċċess għal bankina ser ikun mill-weekend li ġej 19 ta' Diċembru 2015.

5.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq korrispondenza 32/1655. Din kienet e-mail bis-suġġett 'How do we want people to use the Bus Service' Is-Sindku spjegat li sar rapport mill-Kunsill għax tħallew studenti fuq il-bus stop.

5.5 Il-Minority Leader Dr.Marc Sant staqsa fuq e-mail nr 32/1600 Lija *Playging Fields Report*. Ix-xogħol fuq il-bandli għadu mhux lest mill-ħaddiema tal-Kunsill. Irid jitkompla s-sena d-dieħla meta l-ħaddiema jerġgħu jidħlu għax-xogħol wara l-vaganzi tal-Milied.

5.6 Is-Sinjorina Lorrane Farrugia staqsiet fuq korrispondenza 32/1698 fuq il-patching ta' Pantar Road. Hija qalet li tant huwa disastru u l-patching mhux sewwa li din it-triq żgur mhux ser tinfetaħ għat-traffiku qabel ma jitranġaw l-affarijiet. Is-Segretarju qalet li ix-xogħolijiet tal-Water Services f'din it-triq għadhom għaddejjin. Is-Sindku, s-Sinjura Magda

Magri Naudi qalet li l-patching fl-ewwel biċċa ta' din it-triq sar mill-Pama u l-kumplament ser isir mill-Gvern.

## 6. SKEDA TA' ĦLASIJIET

6.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru 2015.

6.2 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa jekk hux ser nibqgħu bl-istess maid peress li din mhiex qed tagħti irċevuta fiskali meta titħallas. Għanda tiġi kkuntantjata l-maid biex tirregola ruħha biex tapplika għal VAT, għax xorta mhux ser tħallas xejn peress li ma taqbiż il-kwota.

6.3 Il-Minority Leader reġgħa staqsa fuq il-pagament tal-Contracts Manager għax baqa kollox l-istess. Is-Segretarju reġgħet fakret lill-Kunsilliera li fuq parir ta' l-Accountant, il-Kunsill kien iddeċieda li peress li fadal sena biss biex jiskadi l-kuntratt tiegħu, għandu jibqa kollox kif inhu. Hija stiednet lill-Kunsilliera biex jekk iridu, ibiddlu din id-deċiżjoni. Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill rikjesta mingħand il-Contracts Manager fejn talab li għandhu jitħallas €20 ta' dawk ix-xhur li l-kunsill kien iddeċieda li ma jħallas iktar il-kuntratt tal-mobile tiegħu u li jintuża għall-Kunsill ukoll. Is-Segretarju għandha tiċċekkja mill-minuti minn meta kien deċiż dan.

6.4 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant għadda osservazzjoni li l-pagament tal-Waste Collection għax xahar ta' Ottubru 2015 huwa għola mill-pagament għax-xahar ta' Settembru. Għandu jiġi iċċekkjat dan u l-Kunsill jiġi nfurmat.

6.5 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-pagmenti tal-Waste Collection.

6.6 Fuq proposta s-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia l-iskeda ta' pagamenti għal dan ix-xahar ġiet approvata.

## 7. KOMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

7.1 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk hux qed isiru permessi tax-xogħolijiet li qed isiru fl-isqaq ta' Triq Id-Dejqa u kompliet tgħid li qed isiru ħafna lmenti minħabba l-ħmieġ li qed iħallu.

7.2 Is-Segretarju nfurmat li x-xogħolijiet għadhom għaddejin għax bagħet lill- Contract Manager biex jiċċekkja u hija tiġa tkellmet mal-kuntrattur biex inaddaf. Għandu jiġi iċċekkjat jekk hux qed isiru l-permessi meħtieġa u anke ninsitu biex inaddfu iktar ta' spiss andke jekk nitkellmu mas-sid tal-post.

7.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fi Triq Triq Giuseppi Portelli u fuq il-ġrieden li hemm. Għandha nibgħatu lment lil tal-*health and Safety* u biex jintefa l-velenu tal-ġrieden. Għandha ukoll nitkellmu ma' tal-Kitchen Garden, għax minħabba l-annimali li għandhom li qed jiġu dawn il-ġrieden.

7.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ressqet complaint li tal-gass qed jigi fir-rush hour. Għandu jiġi ikkuntatjat tal-gas biex il-ħin li jagħti l-gas f'Ħal Lija ma jkunx iktar fis-7.30a.m. imma jibda jiġi wara 8.30a.m. u jiġi bi truck żgħir għax mhux suppost jidħol bi truck il-kbir jew inkella nistaqsuh jekk jagħmilx delivery filgħaxija.

7.5 Is-Sur Massimo Scerri staqsa fuq il-kwistjoni tal-*forged signature* mill-Waste Collection. Is-Segretarju nfurmat li l-appuntament ma' l-Ispettur Ferris li kellu jsir fit-30 ta' Noembru ġiet pospost għall-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2016 fl-10a.m.

7.6 Is-Sinjoirna Lorraine Farrugia qalet li f'Tal-Mirakli faċċata ta' Triq San Liċinju għad hemm tabelli imwaħħlin tac-Chinese Message. Dan il-ħanut ilhu magħluq u t-tabelli għandhom jinqalgħu. Infetaħ ukoll ħanut ta' Nail Technician. Hija qalet li tabelli ta' dan il-ħanut hemm f'Ħ''Attard imma s'issa ma ratx f'Ħal Lija. Għandu jiġi iċċekkjat dan.

7.7 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk konniex tkellima ma'_tal-MUZEWM peress qed isir parking ħazin meta l-ġenituri jiġu għat-tfal. Is-Segretarju nfurmat li kienet intbagħtet ittra peress li ma kellniex contact number tas-Surperjura.

7.8 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsilliera li għan-nom tal-Kunsill ser torganizza drinks għall-ħaddiema tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 30 ta' Diċembru 2015 fil-11.00a.m. Hija stiednet lill-Kunsilliera kollha biex jattendu.

7.9 Is-Sindku, Sinjura Magda Magri Naudi, stiednet lill-Kunsilliera biex jattendu għall-laqgħa nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar 2015 fl-4.30p.m. biex jiġi diskuss l-andament fuq il-Festival Taċ-Ċitru.

7.10 Il-laqgħa li jmiss isir fis-19 ta' Jannar 2016 fl-5.00p.m.

## 8. TMIEM

Is-Seduta imtemmet fit-7.00 hrs b'mod unanimnu.

Magda Magri Naudi — Georgette Borg

Sindku — Segretarju Eżekuttiv